**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Ottubru 2024**

**Rikors guramentat nru : 234/ 2019 AGV fl-ismijiet;**

**J K/A JS C**

**Vs**

**DCC**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir- RIKORS GURAMENTAT ta' J C ,** detentrici tal-karta tal-identita' numru

Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tiddikjara illi taf il-fatti seopost di xienza propia:

1. Illi l-kontendenti zzewgu nhar l-erbgha ta'  Mejju tas-sena elf disgha mija , wiehed u disghin bir-rit Civili , gewwa r-registru Pubbliku , l-Belt Valletta, Malta liema zwieg gie registrat bin-numru 530/91, u dan kif evidentzjat mid-dokument hawn anness u mmarkat 'Dok A' ;

2. Illi minn dan z-zwieg il-kontendenti kellhom tlett ulied u cioe' D , R  u L  ahwa  C pero ,L biss ghadu minuri

3. Illi sfortunantment l-intimat irrenda l-hajja matrimonjali ta bejn il-kontendenti impossibbli u z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment propju tort tal-agir tieghu u llum ma tezistix l-ebda possibbilita ta' rikonciljazzjoni. Fil-fatt il-partijiet diga 'ilhom jghixu separatment minn xulxin ghal snin twal, **wara li r-rikorrenti flimkien ma' uliedha kienu kostrettu jitilqu mid-dar matrimonjali u dan wara incident serju ta vjolenza fizika fejn ir-rikorrenti anke spiccat sofri griehi ta' natura gravi, konsegwentament ta' agir tal-intimat;**

4. Illi fost fatturi ohra li jaghtu lok ghal separazzjoni personali, l-istess konvenut  DC C rrenda ruhhu hati wkoll ta' ingurji gravi, accessi , sevizzi u theddid apparti l-vjolenza domestika fizika u anke psikologika fuq ir-rikorrenti u anke fuq uliedhom;

5. Illi jigi spjegat ulterjorment illi l-intimat ilu ghal dawn l-ahhar snin jghix wahdu b`mod esklussiv fid-dar matrimonjali filwaqt illi r-rikorrenti w binha kienu qed jghixu bil-kera bid-diffikultajiet kollha li dan igib mieghu;

6. Illi minkejja li l-partijiet attendew ghad-diversi seduti ta' medjazzjoni huma ma rnexxilhomx jaslu ghal separazzjoni bonarja u dan peress illi l-istess konvenut fixkel kull tentativ ta' ftehim konsenswali;

7. Illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati biex jipprocedu u bl-istanti permezz tad-digriet appositu ta' din l-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni Familja liema Digriet qed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok C'' ;

**GHALDAQSTANT** r-rikorrenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija bil-qima titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha , prevja kull dikjarazzjoni mehtiega w opportuna:

i. **TIDDIKJARA U TIPPRONUNZJA** separazzjoni personali bejn il-kontedenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat , kif fuq spjegat minn ma' zewgha;

ii. **TIDDIKJARA** ghalhekk illi l-fond fl-indirizz, Binja Buqana, Blokk B, Triq it-Torri tal-Arlogg ,Mtarfa ma ghandux jibqa jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti;

iii. **TAKKORDA l**-kura u l-kustodja ta l-imsemmi minur LC esklussivament f`idejn ir-rikorrenti attrici u tordna illi l-istess minuri

ghandu jibqa jirrisjedi maghha fil-waqt li tiffissa a favur tal-intimat access xierqa ghal istess ibnu b`dawk il-modalitajiet ta' access u li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa anke tenut kont l-eta' tal-minuri u l-impenn akkademici u extra-kurrikulari tieghu, fil-waqt li taghti wkoll dak il-provvedimenti neccessarji kollha fir-rigward;

iv. **TILLIKWIDA U TIFFISSA** Manteniment ghal-wild tal-partijiet L C u tordna lil-intimat ihallas l-istess somma hekk iffissata lir-rikorrenti sakemm il-wild tal-partijiet jaghlaq l-eta' ta' tlieta u ghoxrin sena jew sakemm il-wild jieqaf jistudja fuq bazi full-time, skond eventwali tavverna ruhha l-ewwel u f' kaz illi l-wild ma jibqax jghix mar-rikkorrenti izda jibqa jistudja fuq bazi full-time, provvediment ghaz-zieda perjodika skond l-gholi tal-hajja; u tordna ukoll lill-intimat sabiex jhallas ukoll nofs l-ispejjez kollha konessi mas-sahha u l-edukazzjoni tal-wild;

v. **TORDNA** ILLI manteniment hekk iffissat ghall-wild tal-partijiet Luke ghandu jigi mnaqqas mil-intorjtu / dhul tal-intimat, jew minn kwalsiasi beneficcju socjali li huwa jista jkun talvota qed jircievi;

vi. **TORDNA** li children allowence u kwalunkwe beneficcju iehor li jista jigi percepit mill-genituri jinghata esklussivament lir-rikorrenti;

vii. **TIDDIKJARA** illi bl-agir tieghu l-intimat ddekkadt minn kull dritt li jitlob manteniemnt minghand martu r-rikorrenti;

viii. **Tapplika** kontra l-intimat l-effetti in toto jew in parte tal-artikolu 48 sa 53 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta sa fejn applikabbli inkluz l-ordni li huwa jitlef kull dritt li jiret lil martu;

ix. Tordna li sehem l-intimat mid-dar matrimonjali bl-indirizz, Binja Buqana , Blokk B ,Triq t-torri tal-arlogg, Imtarfa, tigi assenjata lil-attrici. Bi dritt esklussiv lejha ghal uzu u abitazzjoni billi tipprovdi u tiddikjara li l- intimat tilef kwalunkwe dritt talvolta spettanti lilu , fuq l-istess fond, u dan principarjment tenut kont tal-fatt li z-zwieg taghhom , tkisser b' tort esklussivament tieghu.

x. T**ORDNA , illi u f' kaz illi ma tintlaqax it-talba precedenti enumerata viii li** r-rikorrenti vita durante anke flimkien ma' uliedha jekk ikun il-kaz jibdew jirrisjedu b`mod esklussiv fid-dar matrimonjali bl-indirizz, Binja Buquana, Blokk B, 33, Triq it-Torri tal-Arlogg Mtarfa, ad esklusjoni tal-intimat, u b`dan principarjament kemm tenut kont tal-fatt illi z-zwieg tal-partijiet tkisser b`tort ESKLUSSIVAMENT tal-intimat u kemm minhabba l-fatt illi l-istess intimat ilu jgawdi din il-propjeta' wahdu ad eskluzjoni ta' martu u uliedu ;

xi. **IXXOLJI U TILLIKWIDA** il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f` zewg porzjonijiet mhux ugwali fid-dawl tal-fatt illi l-intimat huwa unikament hati ghas-separazzjoni u billi wkoll tigi stabbilita data minn meta r- rikorrenti jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tar-rikorrenti **TASSENJA** porzjon lill-intimat ope sententiam filwaqt li tinnomina Nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja tal-intimat fuq

l-istess att, f` kaz illi l-istess intimat jonqos milli jottempera ruhhu mal-ordnijiet moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;

xii. **TIDDIVIDI** l-gid komuni tal-kontendenti li mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti wara anke li terga tqies il-fatt illi z-zwieg tkisser tort tal- Intimat;

xiii. **TORDNA** lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u l-krediti parafernali u dotali taghha u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-intimat jaghmel dan **TIKKUNDANNAH** jhallas lill-attrici dik is-somma li ghandha tigi likwidata occorendo bl-opera ta' perit nominandi rapprezentatnti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti;

xiv. **TAGHTI** kull provvediment iehor xieraq u opportun.

**BL-ISPEJJEZ** inkulzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili tal-Medjazzjoni kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

**Rat ir- risposta guramentata ta' DCC u kontestwali kontro-talba tal-istess DCC**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu DCC**

**Jikkonferma li jaf il-fatti personalment:**

1. Illi preliminarjament jigi rilevat li d-dokument anness mar-rikors promotur u cioe Dok. C m`ghandu ebda ness mal-partijiet u m`hux id-digriet relattiv ghall-istess partijiet li permezz tieghu gew awtorizzati jintavolaw il-kawza odjerna. Ghal finijiet ta' pratticita d-digriet relattiv tal-partijiet qed jigi hawn anness u mmarkat bhala **DOK. DCC1**;

2. ILLI minghajr preguddizju ghas-suppost l-esponent jaqbel li hu u martu zzewgu civilment fl-4 ta' Mejju 1991 gewwa r-Registru Pubbliku Valletta ghalkemm irid jinghad li sussegwentament il-partijiet inghaqdu fiz-zwieg bis-sagrament nhar it-13 ta' Settembru 1997;

3. Illi minghajr preguddizzju ghas-suespost l-esponent jaqbel ukoll li frott ta' dan iz-zwieg twieldu tliet ulied u cioe' Daniel li twieled fid-disgha ta' Frar tas-sena elf disa mija u wiehed u disghin (09/02/1991) u li ghalhekk ghandu aktar minn 23 sena, Ruth li twieldet fil-hmistax ta' Gunju tas-sena elf disa mija u tlieta u disghin (15/06/1993) u li ghalhekk ghandha aktar minn 23 sena u Luke li twieled nhar it-22 ta' Marzu 2003 u ghalhekk ghadu minuri;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suppost l-esponent jaqbel li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabbilment izda dan ghal ragunijiet imputabbli lill-istess rikorrenti J sive JS C, fosthom izda mhux esklussivament minhabba abbandun tad-dar matrimonjali u tal-familja , adulterju , eccessi, vjolenza, mohqrija psikologika , mentali u verbali u rifjut kwazi totali ta' wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suppost l-esponent jirrispingi kull allegazzjoni fil-konfront tieghu bhala infondata fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost ir-rikorrenti abbanduna d-dar matrimonjali u l-familja kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorrenti ghandha relazzjoni adultera kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent qatt ma kecca lir-rikorrenti mid-dar matrimonjali b` dan li taf li l-bieb baqa' dejjem miftuh ghaliha izda kienet decizjoni unilaterali taghha li titlaq sabiex tkun tista jkollha relazzjoni adultera u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza. Ghalhekk certament il-fatt li jghix wahdu fl-istess dar matrimonjali ,mhux fattur li jista' b`xi mod jigi attribwit bhala fatt negattiv fil-konfront tal-istess esponent u dan ukoll kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza. Ir-rikorrenti ghad ghandha access liberu ghall-istess dar u meta trid , fil-fatt taccedi kif ghamlet diversi drabi s`issa;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghalkemm hu minnu li r-rikorrenti hadet maghha l-minuri L meta abbandunat id-dar matrimonjali llum li l-istess minuri ghandu kwazi 17-il sena jqatta' aktar hin ta' kwalita ma' missieru milli m`ommu;

10. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u minghajr ma jidhol fid-dettal dwar x'kienu r-ragunijiet ghala l-partijjiet ma waslux ghall ftehim bonjaju l-esponenti jiddikjara biss li kienet ir-rikorrenti stess li wara li ntlahaq ftehim ma riditx tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-istess;

11. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dwar l-ewwel talba cioe' t-talba relatata mas-separazzjoni personali ta' bejniethom l-esponent jaqbel izda sens li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejniethom izda tali separazzjoni ghandha tkun attribwita lir-rikorrenti u cioe' li tkun l-istess rikorrenti flimkien m`ohrajn kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. Kwantu ghal dik il-parti tat-talba fejn ir-rikorrenti titlob l-awtorizazzjoni sabiex tirrisjedi b`mod separat minn zewgha jigi rilevat li kif tiddikjara r-rikorrenti stess fil-premessi tar-rikors promotur is-sitwazzjoni ilha hekk, ghal numru ta' snin;

12. Illi minghajr pregudizzju dwar it-tieni talba l-esponent ma jsib ebda oggezzjoni stante li l-fond Binja Buquana , Blokk B, 33 Triq it-Torri tal-Arlogg Mtarfa, illum ma jintuzax bhala dar matrimonjali tar-rikorrenti sa minn mindu abbandunat l-istess dar u dan kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

13. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost dwar it-tielet talba l-esponent, jopponi ghal dik il-parti relatata mal-kura u l-kustodja ghaliex m`hemm ebda raguni ghala m`ghandux ikollu wkoll rwol importanti fid-decizjonijiet kollha relatati m`ibnu u ghalhekk umilment ihoss li l-kura u l-kustodja tal-minuri L ghandha tigi vestita f`idejn iz-zewg partijiet b`mod kongunt. Kwantu ghar-residenza tal-istess wild stante l-eta' tieghu din ghandha tkun ghazla tal-istess wild u konsegwentament kwalukwe talba relatat mieghu ghandha tittiehed mhux biss fil-parametri ta x`inhu fl-ahjar interess tieghu bhala minuri izda wkoll b`mod prattiku skond ix- xewqa tal-istess

minuri kapaci jesprimi ruhu u jiddeciedi fejn irid imur jghix u ma' min u kif iqatta l-hin liberu tieghu. Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu anke f`kaz li l-minuri jaghzel li jibqa' jghix mar-rikorrenti ommu l-access ma' missieru ghandu jkun skond kif jiftihemu bejnithom il-missier u l-iben u dan ad eskluzjoni tar-rikorrenti;

14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar ir-raba' talba l-esponent jiddikjara li m`ghandu ebda problema li jhallas il-manteniment relattiv ghall-wild L fejn jikkonkorru l-elementi rikjesti mill-ligi ghal hlas basta wkoll ikun jirrifletti l-fatt li r-rikorrenti bhala omm ghandha tassumi wkoll ir-responsabbilitajiet finanzjarji dwar il-wild L biex b`hekk l-istess manteniment ikun jiehu in konsiderazzjoni tac-cirkustantzi kollha tal-kaz. Ghal finijiet ta' kjarezza ,irid jinghad li l-esponent dejjem hallas il-manteniment relattiv ghal ibnu minghajr problemi u dejjem aderixxa ruhu mad-decizjonijiet tal-Qorti dwar l-istess manteniemnt . f' kaz li l-wild L jibda jirrisjedi mal-esponent allura l-manteniment relattiv ghandu jibqa jithallas mir-rikorrenti kif wara kollox qieghed jintalab fil-kontro-talba relattiva;

15. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar l-hames talba l-esponent jiddikajara li m`ghandu ebda oggezzjoni sakemm jibqghu sodisfatti l-elementi kollha relatati mal-obbligu ta' hlas ta' manteniment relattiv ghall-istess wild LC da parti tal-esponent;

16. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar is-sitt talba l-esponent jiddikjara li m`ghandu ebda oggezzjoni sakemm l-istess wild ma jibdix jghix mal-esponent li f`dak il-kaz allura tali beneficcji ghandhom jigu precepiti esklussivament mill-istess esponent;

17. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, dwar is-seba’ talba l-esponent jichad bl-akbar mod kategoriku li kien hu li ddekada mid-dritt ta’ manteniment minghand martu u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, fil-fatt kienet l-istess rikorrenti li ddekadiet mid-dritt ta’ manteniment minghand zewgha fosthom izda mhux limitatament minhabba abbandun tal-familja u dar matrimonjali kif ukoll adulterju da parti taghha u dan kif ser jigi pruvat fil-kawza u kif qieghed jigi mitlub fil-kontro-talba relattivi li qed tigi intavolata kontestwalment ma ‘dina r-risposta guramentata . Tant hu hekk li tali talba diga’ giet michuda minn din l-Onorabbli Qorti kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

18. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost dwar it-tmien talba l-esponenti jirrileva u din l-Onorabbli Qorti m`ghandha timponi fuqu ebda sanzzjoni ai termini tal-Artiklou 48, 51, 52 u 53 tal-Kodici Civili u dan stante li ma jikkonkorrux l-elementi u c-cirkustanzi necessarji ghal dan. Apparti minn hekk ghandha tkun r-rikorrenti li jigi imposti fuqha tali sanzjonijiet kif qed jigi mitub mill-esponent fil-kontro-talba relattiva li qed tigi intavolata kontestwalment ma’ dina r-risposta guramentata;

19. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost dwar id-disa' talba l-esponent joopni bil-qawwa kollha ghall-istess talba stante li d-dar matrimonjali hija propjeta' taz-zewg partijiet u m`hemm ebda cirkustanza li tista b`xi mod twassal ghall-gustifikazzjoni tal-assenjazzjoni tal-istess fl-inter taghha lir-rikorrenti. Id-dar matrimonjali tappartjeni liz-weg partijiet konsegwentament l-istess partijiet ghandhom sehem indvizi mill-istess dar u ghalhekk f kaz li tali talba tigi milqugha l-esponeti ser jigi pregudikat irrimedjabbilment kif pruvat ukoll fil-mori tal-kawza l-istess dar matrimonjali ghandha tinbiegh fis-suq miftuh b`dan li jinqasam ugwalment bejn il-partijiet wara li jkun thallas is-sussidju relattiv lill-awtoritajiet koncernati filwaqt li sakemm jigi fis-sehh tali bejgh l-uzu u l-abitazzjoni tal-istess dar ghandu jibqa esklussivament tal-esponent ,kif wara kollox ilu ghal dawn l-ahhar 6 snin minn mindu r-rikorrenti telqet mid-dar matrimonjali;

20. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, dwar l-ghaxar talba l-esponent jopponi bil-qawwa kollha ghall-istess talba stante li apparti li m`hemm ebda cirkustanzi li tista b`xi mod twassal ghall-gustifikazzjoni tal-esponent milli jirrisjedi u jabita fl-istess dar, kif wara kollox diga' gie dikjarat f 'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fuq talba ghal zgumbrament da parti tar-rikorrenti li giet michuda l-esponent, ghandu jibqa' jirrisjedi fl-istess dar eventwalment bejgh taghha kif wara kollox qieghed jigi mitlub ukoll fil-kontro-talba tal-esponet . id-dar matrimonjali hija residenza tal-esponent kienet ir-rikorrenti li ghazlet li tabbandunaha u ghalhekk m`ghandhiex tigi premjata billi tghix flimkien mal-mahbub taghha stess fond. L-uzu u abitazzjoni tal-istess dar ghandu tibqa' esklussivament tal-esponent u jekk ikun il-kaz il-minuri LC u l-ulied

l-ohra li huma maggorenni u dan sakemm tali dar gia matrimonjali tinbiegh;

21. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost,dwar il-hdax il-talba l-esponent jaqbel li m' ghandiex tigi xolta u likwidata l-komunjoni tal-akkwisti bejnithom ,b`dan pero li kif jinghad aktar' il fuq qed jintalab fil-kontro-talba tali xoljiment u likwidazzjoni ghandha ssir bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija aktar ‘il fuq kontra ir-rikorrenti u kif qed jintalab fl-istess kontro-talba tal-esponent, ghandu jigi rifuz ghal nofs sehem mill-hlasijiet kollha li saru minnu relativi mad-dejn mal-Bank fuq id-dar matrimonjali ,fuq il-garaxx, fuq il-vettura u fuq kull ammont li l-esponent seta ‘thallas esklussivament mid-data li r-rikorrenti abbandunat id-dar;

22. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, dwar it-tnax il-talba, l-esponent jaqbel li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddividi l-gid kollu tal-partijiet li mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti ,izda dan ghandu jsir fil-kuntest tat-tort tat-tifrik taz-zwieg attribwibbli lir-rikorrenti b`mod esklussiv u mhux tal-esponent li ghal darba ohra qieghed jichad li z-zwieg tfarrak ghal ragunijiet li huma imputabbli esklussivament lilu. Dan stante li kif inghad aktar ‘ il fuq u kif qieghed jigi mitlub fil-kontro-talba tal-istess esponenti ,it-tifrik taz-zwieg tal-partijiet hu unikament attribwibbli ghar-rikorrenti u mhux ghall-esponenti;

23. Illi minghajr pregudizzju ghas-suepost, dwar it-tlettax -il talba l-esponent fil-principju ma jopponiex li ir-rikorrenti tinghata xi beni/

krediti parafernali u dotali taghha b`dan pero li l-istess esponent ghandu jinghata l-istess beni /krediti parafernali u dotali tieghu ,kif qieghed jigi mitlub fil-kontro-talba mressqa mill-esponent;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Rat il- Kontro-Talba guramentata tal-intimat DCC**

**Jesponi bir-rispett u bil-gurament tieghu jikkonferma li jaf il-fatti segwenti personalment:**

1. Illi l-partijiet fl-ismijiet premessi zzewgu civilment fl-4 ta' Mejju 1991 gewwa r-Registru Pubbliku Valletta ghalkemm irid jinghad li sessegwentament , il- partijiet inghaqdu ukoll fi zwieg bis-sagrament nhar it-13 ta' Settembru 1997;

2. Illi frott ta' dan iz-zwieg ,twieldu tliet ulied u cioe' , D li twieled fid-disgha ta' Frar tas-sena elf disgha mija u wiehed u disghin (09/02/1991) u li ghalhekk ghandu aktar minn 23 sena, R li twiedet fil-hmistax ta Gunju tas-sena elf disgha mija u tlieta u disghin

(15/06/1993) u li ghalhekk ukoll ghandha aktar minn 23 sena u L li twieled nhar it-22 ta' Marzu 2003 u ghalhekk ghadu minuri;

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet m`ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg taghhom tkisser b`mod irremedjabbli ghal ragunijiet imputabbli unikament lir-rikorrent rikonvenzjonat fosthom izda mhux esklussivament minhabba adulterju, eccessi, vjolenza , mohqrija psikologika , mentali u verbali u rifjut kwazi totali ta' wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg u dan kif sar jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

4. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata abbandunat id-dar matrimonjali;

5. Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata ghandha relazzjoni adultera kif ser jigi pruvat fil-mori tal-kawza;

6. Illi r-rikonvenzjonata ddekadiet mid-dritt taghha ta' manteniment minghand l-intimat rikonvenzjonant , fosthom izda mhux limitatament minhabba abbandun tal-familja u d-dar matrimonjali kif ukoll adulterju da parti taghha u dan kif ser jigi wkoll pruvat fil- kawza ;

7. Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri L li l-kura u kustodja tieghu tigi vestita f`idejn iz-zewg partijiet b`mod kongunt;

8. Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li stenniet l-eta' tieghu ghal dak li jirrigwarda r-residenza tieghu, tali decizzjoni ghandha tkun ghazla tal-istess wild;

9. Illi Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri kwalunkwe talba relatata mieghu ,ghandha tittiehed mhux biss fil-parametri ta’ x ‘inhu fl-ahjar interess tieghu bhala minuri, izda wkoll b`mod prattiku skond ix-xewqat tal-istess minuri li kapaci jesprimi ruhu u jiddeciedi fejn imur jghix, ma ‘min u kif iqatta l-hin liberu tieghu;

10. Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li stante l-eta’ tieghu, kwalunkwe access mal-genituri tieghu jew min minnhom isir ftehim bejn l-istess genituri u l-wild;

11. Illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri li dak il-genitur , li mieghu jew maghha jkun qed jirrisjedi, jircievi manteniment adegwat ghall-istess minuri jew wild li jkun jistudja fuq bazi full-time sal-eta’ massima ta’ 23 sena l-istess jingahd ghal kwaunkwe beneficcji relatati mal-wild, b; dan li dawn ghandhom jigu percepiti mil-genitur li mieghu tali wild ikun qed jirrisjedi u kwantu spejjez ta’ sahha u edukazzjoni , dawn ghandhom jinqassmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet bil-prezentata ta ‘ricevuti ufficcjali fl-ahhar tax-xahar ;

12. Illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser b`mod irremedjbbli ghal ragunijiet li huma unikament imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonant tant fost l-ohrajn ir-rikonvenzjonata ilha li abbandunat id-dar matrimonjali ghal numru ta’ snin ghandu relazzjoni adultera ma ragel iehor u konsegwenzament m`hemm ebda possibbilita ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

13. Illi l-fond Binja Buqana ,blokk B, 33, Triq it-Torri tal-Arlogg, Mtarfa m`ghandux jibqa jitqies bhala d-dar matrimonjali ;

14. Illi stante ir-rikorrenti rikonvenzjonata abbandunat id-dar matrimonjali li hija propjeta' taz-zewg partijiet u stante l-eta' tal-esponent li certament ma jistax jiehu facilita minn xi bank sabiex jakkwista propjeta' ohra u stanet li l-istess dar hija l-unika residenza tal-esponent rikonvenzjonat , l-istess dar matrimonjali ghandha tinbiegh fuq is-suq miftuh li r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom mid-data li r-rikorrenti rikonvenzjonata abbandunat id-dar matrimonjali jew minn kwalunkwe data ohra li din l-Onorabbli Qorti thoss li hija d-data meta r-rikorrent rikonvenzjonata iddekadiet mid-dritt taghha li tibbenefika minn tali hlasijiet;

15. Illi l-esponent rikonvenzjonat ghandu jibqa' jirrisjedi fl-istess imsemmija dar matrimonjali ad esklusjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonata sal-eventwali bejgh tal-istess dar lit- terzi;

16. Illi l-esponent rikonvenzjonat, b`mod eklussiv ilu jhallas id-dejn relattiv kemm ghad-dar matrimonjali kemm fuq il-vetturi formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti sa d-data li r-rikorrenti konvenzjonata abbandunat id-dar matrimonjali u jew iddekadiet hija hatja tas-separazzjoni de quo u konsgwentament l-istess esponent rikonvenzjonant ghadu jigi rifuz l-ammont li hu hallas flimkien ma' kwalunkwe spejjez ammonti u interessi li setghu akkumulaw mad-data tal-abbandun tar-rikorrenti jew minn kwalukwe data ohra stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti . Apparti minn hekk, kien l-esponent rikonvenzjonat li zamm l-istess dar u immobbli fi stat tajjeb ta' manutenzjoni;

17. Illi l-iskop ewlieni tar-rikorrenti rikonvenzjonata hu li tuza' l-proceduri odjern sabiex tiehu pussess esklussiv tad-dar

matrimonjali li ilha 6 snin abbandunata biex imbaghad tkun tista' tghix fiha flimkien mal-mahbub taghha fl-istess fond. L-uzu u l-abitazzjoni tal-istess dar ghandu jibqa' esklussivament tal-esponent u jekk ikun il-kaz tal-minuri LC ,u jew l-ulied l-ohra li huma maggorenni . tali interzjoni ilha tberren f`mohh ir-rikorrenti, kif jirrizulta mit-talba ghal zgumbrament li kienet ghamlet fil-mori tal-medjazzjoni bejn il-partijiet (ara Dok .DCC2 hawn anness ) liema talba giet michuda minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta;

18. Illi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti beijn il-partijiet ghandha tigi xolta , likwidata u diviza, liema xoljiment, likwidazzjoni u divizjoni ghandhom isiru bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet relattivi kontemplati f`Artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata stante li hija unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;

19. Illi l-gid kollu tal-partijiet li mhux formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti inklu beni/ krediti parafernali u dotali ghandhom ukoll jigu divizi u assenjati b`dan li tali divizjoni u assenjati ssir ukoll fil-kuntest tat-tort tat-tifrik taz-zwieg attribwibbli lir-rikorrenti rikonvenzjonata b`mod esklussiv.

**Tghid ghalhekk ir-rikorrenti rikonvenzjnata ghaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni ohra li tkun necessarja m`ghandhiex:**

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontedenti minhabba ragunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti rikonvenzjonata ;

2. Tapplika kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata , interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-artiklu 48 et seq tal-Kodici Civili , kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Tistabbilixxi d-data li r-rikorrenti rikonvenzjonata ghandha titqies hatja tar-ragunijiet li wasslu ghall-firda ta ' bejn il-partijiet;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f`zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat mill-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

5. Tillikwida l-ammont li hu dovut lill-esponent rikonvenzjnat mid-dejn kollu mhallas minnu b`mod esklussiv kif ukoll l-ispejjez inkorsi minnu ghall-manutenzjoni tal-propjeta' immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti mid-data li r-rikorrenti abbandunat id-dar matrimonjali jew data ohra li din l-Onorabbli Qorti ,tistabbilixxi bhala d-data tad-dekadenza tal-istess rikorrenti rikonvenzjonata ;

6. Tordna lir-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex thallas l-ammont likwidat skond it-Talba precedenti fi zmien perentorju moghti minn din l-Onorabbli Qorti;

7. Tordna li d-dar matrimonjali u cioe’, Binja Buqana, ghandha tinbiegh fis-suq miftuh b`dan li r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet wara li jithallas is-sussidju relattiv lill-awtoritajiet koncernati;

8. Tordna li l-garaxx bin -numru 74 Triq it-Torri tal-arlogg Imtarfa, fl-intier tiegh u jinbiegh fis-suq miftuh b’ dan li r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

9. Tordna u tawtorizza lill-esponent rikonvenzjonant DCC , sabiex b`mod esklussiv ikompli jghix fid-dar matrimonjali sal-eventwali bejgh fis-suq miftuh;

10. Tappunta Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta’ divizjoni hekk kif stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti f`data u hin hekk kif stabbilita minn l-istess Onorabbli Qorti;

11. Tappunta kuratkur sabiex jirrapprezenta lill-partijiet min minnhom fl-eventwali kontumacja taghha li tidher fuq l-att ta divizjoni relattiv;

12. Tillikwida l-assi parafernakli tal-esponent rikonvenzjant u tassenja l-istess assi lill-esponent rikonvenzjnat;

13. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri LC tkun fdatata f`idejn iz-weg partijiet;

14. Tordna li decizjonijiet relatati ma’ sahha , edukazzjoni , attivitajiet extra-kurrikurali u safar jittiehdu miz-zewg partijiet b`mod konjugali bejniethom;

15. Tiffissa u tillikwida manteniment ghall-istess minuri jew wild li jkun qed jistudja fuq bazi full-time wara li jaghlaq l-eta ta’ 18 il-sena sal-eta massima ta’ 23 sena, liema manteniment jigi ordnat li jithallas minn dak il-genitur li mieghu l-istess minuri ma jkunx qed jghix;

16. Tordna li dak il-genitur li mieghu l-istess minuri wild ma jkunx qed jghix sabiex ihallas / thallas il-manteniment hekk iffissat permezz ta’ cekk kull l-ewwel gurnata tax-xahar;

17. Tordna li l-ispejjez ta’ sahha, edukazzjoni tal-istess wild LC ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet bil-prezentata ta’ ricevuti fl-ahhar tax-xahar;

18. Tordna li l-access relattiv ghal dak il-genitur li mieghu l-minuri ma jkunx qed jghix jigi mifthiem direttament bejn il-genitur u l-istess minuri u dan stante l-eta’ tal-istess minuri;

19. Taghti kull ordni ohra li jidrilha xierqa u opportuni fic-cirkustanzi.

**Bl-ispejjez kollha kontra rikorrenti rikonvenzjonata ingunta ghas-subizzjoni.**

**Rat ir- RISPOSTA GURAMENTATA tar-rikonvenzjonata JC ,**

detentrici karta ta l-identita numru

*Tesponi bir-rispett u bil-gurament taghha tiddikjara illi taf il-fatti sottoposti di xienza propia:*

Illi fl-ewwel lok ir-rikonvenzjonata tirrispingi l-allegazzjonijiet kollha vvantati mir-rikonvenzjonat , u peress illi fl-ewwel lok hija qatt kkommettiet l-ebda adulterju u qatt ma rrendiet ruhha hatja ta' abbandun tad-dar matrimojnali u tal-familja u dan anke peress illi hija kienet telqet mid-dar peress li giet kostretta u ma kelliex ghazla hlief li titlaq u dan minhabba incidenti serju ta' vjolenza fejn hija telqet mat-tlett uliedha li sa ftit ilu kienu kollha ghandhom jirrisjedu maghha taht l-istess saqaf f`post fil-kera filwaqt illi r-rikonvenzjonat baqa komdu jghix wahdu fid-dar !

Illi ghalhekk isegwi illi r-rikonvenzjonata certament illi fl-ebda hin ma abbandunat il-familja. Inoltre' hija qatt ma kkomettiet eccessi, vjolenza, mohqrija psikologika , mentali u verbali fil-konfront ta' zewgha. Kif se jirrizulta ajhar mill-provi prodotti hija bdiet tirrifjuta kwalunkwe relazjoni intima mar-rikonvenuta peress illi z-zwieg taghhom kien diga tkisser irremedjabbilment u dan minhabba li rrenda ruhhu hati wkoll ta' ingurja, eccessi, sevizzi u theddid, apparti l-vjolenza domestika fizika u anke psikologika fuq ir-rikorrenti u anke uliedhom;

i. **Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost , b`referenza ghal l-ewwel talba (1),** tal-intimat rikonvenzjonant , r-rikonvenzjonata tisottometti illi hija taqbel illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha , pero' dan minhabba ragunijiet gravi u esklussivi imputabbli lillu u mhux lilha, hekk kif diga spjegat minnha fir-rikors guramentat intavolat minnha. Illi dan qed jigi sottomess in vista tal-fatti illi kien l-istess intimat rikonvenzjonant li rrenda ruhu hati ta' ingurji, sevizzi, ecessi , vjolenza domestika, swat u theddid, u dan fost bosta ragunijet li jaghtu lok ghas-separazzjoni personali skond il-ligi. Illi ghalhekk fl-umli fehma tar-rikorrenti rikonvenzjonat din l-ewwel talba tal-intimat ghanda tintlaqa' in parte u dan billi fil-waqt illi din l-Onorabbli Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, tichad it-talba tal-intimat rikonvenzjonant li z-zwieg tkisser tort tar-rikonvenzjonata u dan fil-waqt illi tilqa' t-talba tal -istess rikonvenuta u cioe li z-zwieg tkisser tort tieghu;

ii. **Illi b' referenza ghat-tieni talba tal-intimat rikonvenzjonat,** rikonvenuta tisottometti illi din it-talba ghandha wkoll tigi michuda fid-dawl tar-rikors guramentat taghha u konsegwentament fl-umli fehma tar-rikonvenzjonata din l-Onorabbli Qorti ghandha tapplika s-sanzjonijiet previsti fil-ligi kontra l-istess intimat rikonvezjonant;

iii. Illi b`referenza ghat-tielet tal-talba tal-intimat rikonvenzjonant umilment tisottometti illi ma hemm l-ebda data x 'tigi stabbilita u dan peress illi hija mhux hatja ghat-tkissier taz-zwieg tal-kontendenti;

iv.

Illi b' referenza ghar-raba' talba, r-rikonvenzjonta tisottometti illi taqbel lil l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnha u bejn zewgha ghandha tigi xolta pero tissottometti illi din imma ghandhiex necessarjament tinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali u dan tenut kont tal-fatt illi l-intimat huwa esklussivament hati ghat -tkissir taz-zwieg;

v. Illi b`refernza ghall-hames u sitt talba tal-intimat rikonvenzjonant ir-rikorrenti rikonvenzjonata topponi bil-qawwa kollha ghal din it-talba u dan stante illi m`hemm l-ebda ammont ta' flus dovut lejn zewgha x' jigu likwidati u ergo l-istess talbiet huma bla bazi fil-waqt li nfondati fil-fatt u fid-dritt anke tenut kont tal-fatt illi, minhabba l-agir vjolenti u kapriccuz tal-intimat rikonvenzjonant sa mid-data illi r-rikonvenuta telqet mid-dar matrimonjali sal llum hija kienet kostretta tikri fond u kellha thallas il-kera u ghal perjodu twil wara li hija kienet kostretta titlaq mid-dar hija tlett uliedha jirrisjedu maghha. Illi fost raugunijiet ohra jigi rilevat ukoll illi r-rikonvenzjanant ma ghandu l-ebda dritt ta' rimbors ta' spejjez allegatament maghmula minnu fid-dar matrimonjali wahdu u b' mod esklussiv dawn l-ispejjez jekk saru kienu biss ta' natura ordinarja u ta' kuljum u konsegwentament ma ghandux dritt jitlob il-hlas taghhom. Illi in oltre' sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal dak appena espost, l-intimat rikonvenzjonat inogni caso jrid igib il-provi tal-ispejjez allegatament zborzati minnu;

vi. Illi a rigward tas-seba' u tmien talba rikonvenzjonata , tissotometti illi dawn ghandhom jigu michuda fid-dawl tat-talbiet taghha kif

kontenuti fir-rikors guramentat taghha fejn hija talbet illi sehem l-intimat rikonvenzjonant  minn l-istess fond fl-indirizz assenjat lilha bi dritt ta' uzu u abitazzjoni esklussiv a favur taghha u li fin-nuqqas hija tigi koncessa d-dritt li tabita go fih flimkien ma'  uliedha;

vii. Illi r-rikonvenuta tissottometti illi d-disgha talba tal-intimat rikonvenzjonant ukoll ghandha tigi michuda u dan in vista kemm tat-talbiet taghha ,kif kontenuti fir-rikors guramentat u kemm in vista tar-risposta precedenti taghha, u dan billi l-intimat rikonvenzjonant jinghata terminu fiss biex jivvaka d-dar matrimonjali liema terminu ghandu jibda jiddekkorri mid-data tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti kemm fl-eventwalita' li l-Qorti tordna li dan il-fond jinbiegh u sew jekk le;

viii. Illi r-rikonvenzjonata tissotommetti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha in vista tar-risposta suespost taghha , tichad l-ghaxar u l-hdax it-talba tal-intimat rikonvenzjonant;

ix. Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal snin twal u ghalhekk ma hemm xejn   x' jigi likwidat a favur tar-rikorrent f' dak li huma assi parafernali tieghu. Konsegwentament,  ir-rikonvenuta qed topponi ghat-tnax it-talba tar-rikonvenzjonant;

x. **<u>Illi r-rikonvenuta topponi ghat-tlettax it-talba ta' zewgha r-rikonvenzjonant, fejn huwa qed jitlob li jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri binhom L konguntivament maghha u dan peress illi certament mhux fl-interess suprem tal-minuri</u>**  li jkun fdat f 'idejhom it-tnejn u dan anke in vista tal-fatt illi intimat huwa

persuna vjolenti ,aggressiva , u manipulat illi certament u b' mod assolut mhux l-persuna idoneju sabiex jkun fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri flimkien mar-rikonvenuta. Fil-fatt u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal- istanti ulied il-partijiet , dejjem kellhom certu biza minnu l-intimat rikonvenzjonant . **Ghalhekk ikun opportun illi jekk din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa li tisma lil minuri L , dan ghandu jsir bil-maghluq u l-istess rapport ghandu jigi siggilat minghajr ma jkun accessibli ghall-partijiet jew ghall-konsulenti legali rispettivi taghhom;**

xi. Illi jsegwi ghalhekk illi fl-umli fehma mar-rikorrenti rikonvenzjant t-talbiet tar-rikonvenzjnat enumerati erbatax, hmistax u sittax ghandhom ikunu ikkunsidrati BISS fis-dawl tat-talbiet taghha kif mressaq minnha fir-rikors promotur u dan fis-sens illi inkwantu ghall-manteniment ghandu jkun jr-rikonvenzjonant li jigi ordnat ihallas manteniment lilha ghal-binhom minuri, anke sa meta l-minuri jaghlaq l-eta ta' 23 sena fl-eventwalita' li jibqa jistudja u li d-decizjonijiet rigward il-minuri tehodhom hi stente illi l-minuri jirresjedi maghha bi dritt ta' access favur ir-rikonvenzjonant ;

xii. Illi b`referenza ghat-talba tar-rikonvenzjonant enumerat 17, tar-rikonvenuta umilment tissottmetti illi din ghandha tigi milqugha u dan peress illi fl-umli fehma taghha z-zewg partijiet genituri ghandhom ikunu finanzjarajament responsabbli ndaqs fi kwoti ndaqs bejniethom fejn jidhol binhom L ;

xiii. Illi a rigward tat-talba enumerat 18 hekk kif kontenuta fil-kontro-taba tigi kkunsidrata fid-dawl tat-talbiet taghha ,hekk kif imressqa minnha fir-rikors guramentat taghha u fil-fehma taghha jekk hafna aktar

opportun illi tkun din l-istess Onorabbli Qorti li tipprovdi hi stess fis-sentenza taghha a rigward tal-access ezercitat minn l-intimat rikonvenzjonant wara li tkun semghet lil partijiet jixhdu dwar l-impenji u l-hinijiet tal-minuri u dan sabiex jigu evitati konfronti bejn r-rikonvenzjonant u l-minuri ibnu L ;

xiv. Illi r-rikorrenti rikonvenuta ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura;

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi skond il-ligi u bl-ispejjez.**

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz tal-medjazzjonijiet bejn il-partijiet, annessi ma' dawn l-atti.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. Il-partijiet kienu ltaqghu ghall-habta tal-1988 meta l-attrici kienet tiffrekwenta 'club' fejn il-konvenut kien jdoqq bhala DJ. L-attrici kellha sittax-il sena, mentri l-

konvenut kellu tletin. Huma bdew johorgu flimkien u damu xi sentejn, meta l-attrici harget tqila. L-ewwel wild taghhom twieled fil-1991, wara tqala difficli ghall-attrici. Huma marru jghixu f'appartament tal-konvenut fil-Gzira, u bdew jghixu bhala familja hemmhekk. Fil-frattemp, il-konvenut ha d-divorzju mill-ewwel zwieg. Ghalhekk, huma zzewgu civilment f'Mejju 1991. It-tieni wild giet sentejn wara, fl-1993. Wara li l-ewwel zwieg tal-konvenut kien gie ddikjarat null, huma zzewgu anke bil-knisja kattolika fl-1997. Kienu xtraw proprjeta' l-Imtarfa fit-30 ta' Settembru, 1996. It-tieled wild twieled fl-2003.

F'Dicembru 2012, inqala' incident fejn il-konvenut hebb ghal ibnu z-zghir, L, u gie mwaqqaf minn bintu R u mill-attrici. F'dan l-incident, l-istess attrici sofriet ksur f'idha, u l-bint sofriet griehi hfief. Minn dakinhar, huma telqu mid-dar matrimonjali u marru jghixu f'appartament bil-kera. Anke t-tifel il-kbir mar jghix ma' ommu u hutu. Ghalhekk, fid-dar matrimonjali baqa' jghix biss il-konvenut wahdu. Minn dak iz-zmien, infethu erba' medjazzjonijiet, u sussegwentement l-attrici mexxiet b'din il-kawza ghas-separazzjoni.

L-attrici tghid li l-konvenut kien vjolenti maghha tul iz-zwieg kollu, izda mhux biss. Tghid ukoll li hu kien jikkontrolla l-hajja taghha u tat-tfal, li ghalhekk huma kollha kienu jibzghu minnu. Kien jikkontrolla l-flus kollha hu, u ma kienx jhalliha tohrog tahdem. Inoltre, kellu ammont ta' djun ma' terzi billi ssellef flus mill-idejn, li kellu jrodd lura b'imghax gholi. L-attrici tghid li kien jaghtiha mitt Ewro fil-gimgha biex tixtri l-ikel u l-bzonnijiet ta' hames min-nies. L-attrici tghid li gieli ghenitha ommha bil-flus, ghax ma kienetx tlahhaq. L-attrici taghti hafna aktar ezempji tat-tip ta' vjolenza li

kien hemm id-dar, izda in sintesi, dawn gew ripetuti mit-tfal fix-xiehda taghhom u ma jidherx li kienu saru ebda rapport lill-Pulizija fuqhom.

Il-konvenut assolutament ma qabilx ma' din il-verzjoni ta' fatti kif esposta mill-attrici. Fl-affidavit tieghu, hu jghid li dak l-incident ta' Dicembru 2012 kien minfuh barra mill-proprzjon attwali tieghu, u jissuspetta li l-attrici kienet ilha tippjana li jinqala' xi haga halli titlaq mid-dar. Dan ghaliex kienet ilha xi tlitt snin tghid li ha titlaq. Hu dahhalha f'mohhu li l-attrici kellha relazzjoni ma' terz, u ghalhekk qabdet u abbandunat il-familja, biex tmur tghix ma' din il-persuna.

Ma jaqbilx li hu kien iebes mal-familja tieghu, izda li ried jzomm id-dixxiplina. M'hu veru xejn li ma riedx lill-attrici tohrog tahdem, izda kienet ghazla taghha. Hu kien dejjem jahdem bhala self-employed, u dejjem ra kif il-familja jkollha bizzejjed flus. Jammetti li kien hemm zminijiet difficli finanzjarjament, meta kien sofra serq ta' flus fuq il-post tax-xoghol, u meta gie ffrodat minn terzi, izda dejjem hadem ghall-familja. Jaqbel li hu kien jaghti lill-attrici s-somma ta' madwar mitt Ewro fil-gimgha biex tixtri l-affarjiet tad-dar u biex tghajjex lill-familja kollha.

Il-partijiet it-tnejn xehdu fit-tul, u gew kontro-ezaminati ukoll fit-tul. Mill-assjem tal-provi prodotti, il-Qorti hija propensa temmen aktar il-verzjoni tal-attrici milli dik tal-konvenut. Il-verzjoni taghha giet ikkorroborata miz-zewgt itfal illi xehdu, R u L kif ukoll minn membri ohra tal-familja taghha, ommha JO u hutha J V u RV . Xehdu wkoll rappresentanti tad-Domestic Violence Unit mill-Appogg, u persuna mill-Caritas, li spjegaw it-tip ta'

support illi taw lill-attrici. Gew prodotti membri tal-Pulizija li esebew ir-rapport dwar l-incident ta' Dicembru 2012.

L-attrici esebiet ukoll dokumenti ohra dwar l-istess incident ta' Dicembru 2012, fejn hemm stqarrija taghha u tat-tifla mehuda mill-Pulizija, u fejn ittiehdu passi kontra l-konvenut, liema kawza kienet giet dikjarata bhala procediment ezawrit mill-Qorti tal-Magistrati wara li l-istess attrici u t-tifla irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali. Dan sehh ftit xhur wara l-incident, f'April jew Mejju 2013.

Inoltre, huwa l-konvenut stess illi jikkorrobora l-verzjoni ta' fatti esposti mill-attrici. Il-konvenut esebixxa kopja tas-sentenza tal-annullament taz-zwieg mit-Tribunal Ekklezjastiku. Fih hemm indikat car li anke t-Tribunal jaqbel mal-verzjoni ta' fatti kif esposti mill-attrici. Huma ezatt l-istess fatti esposti fit-Tribunal u f'din il-kawza. Aktar minn hekk, izda, Paragrafu 71 ta' dik is-sentenza tiddeskrivi lill-konvenut bhala persuna narcisista, u li ghalhekk huma l-persuni l-ohra li ghandhom jhossuhom onorati li jafuh u li ghandhom xi tip ta' relazzjoni mieghu. Huwa aktarx ghalhekk li, meta persuna tieqaflu, johrog il-karattru veru tieghu.

In sostenn tal-verzjoni ta' fatti esposti minnu, il-konvenut esebixxa wkoll sensiela ta' ritratti tat-tieg, kemm dak civili kif ukoll dak tal-knisja, li juru lill-partijiet ferhanin. Esebixxa wkoll ritratti ohra taghhom mat-tfal meta dawn kienu ghadhom zghar, li jirrisalu ghal madwar tmintax jew ghoxrin sena ilu. Donnu l-konvenut jipprova jaghti l-impressjoni li kulhadd fil-familja kienu kuntenti u ferhanin, izda x-xiehda prodotti mill-attrici juru realta' opposta ghal dan.

Illi in tema legali, il-Qrati taghna taw tifsira ta' ingurji gravi, sevizzi, u minacci.

Fil-kaz **Antoine Portelli vs Marthese Portelli sive Merthis** deciza fis- 27 ta' April, 2017, il-Qorti enuncjat hekk;

> *"Il-Qorti tabbraccja d-distinzjoni bejn "sevizzi" u "eccessi" delineatabilment mill-Perit Legali fir-rapport minnu redatt b'referenza ghad-dottrina esposta minn Fadda u Baudry Lacantinerie.*
>
> *"Eccessi" huma atti ta' vjolenza kommessi minn konjugi fil-konfront tal-konjugi l-iehor jew l-ohra illi huma tant gravi li jistghu jpoggu fil-perikolu s-sahha jew addirittura l-hajja ta' dak li jkun. Tali vjolenza tista' tkun mhux biss fizika izda ukoll psikologika. Vjolenza psikologika gravi, kostanti u fuq medda ta' zmien tista' ukoll twassal ghad-dannu fis-sahha ta' min jissubixxi tali vjolenza psikologika u ghalhekk tikkwalifika ukoll bhala "Eccessi" fit-termini tal-Artikolu 40 tal-Kap.16.*
>
> *"Mohqrija" jew kif ahjar isibuha fil-gurisprudenza "sevizzi," huwa atti gravi ta' krudelta' illi ghalkemm ma jpoggux il-hajja jew is-sahha ta' min jissubixxi tali azzjoni fil-periklu, jikkostitwixxi tortura fizika jew psikologika. Tali azzjonijiet ta' krudelta' jikkwalifikaw bhala "mohqrija" fit-termini tal-Artikolu*

> *40. Sabiex azzjoni tikkwalifika ghal nuqqas taht l-Artikolu 40 jehtieg li tkun mhux biss gravi izda ukoll abitwali."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Cauchi vs Alexander Cauchi,** l-ingurji jew offizi gravi gew definiti bhala li:

> "***jinkludu kliem jew agir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu ghall-affarijiet vera jew foloz."***

Fl-istess sentenza l-Qorti insenjat illi **:**

> ***« theddid tinkludi kliem bil-kliem jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bl-ghan illi twegga' lill-parti l-ohra u biex trendihom mizerabbli u skuntenta. »***

Fis-sentenza **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**[1] inghad ukoll illi

> ***« Il-minacci jistghu jkunu verbali jew reali u materjali. Jekk dawn verbali jkunu l-effett tal-impetu u mhux rafforzati mill-intenzjoni li jkunu sussegwiti mill-azzjoni, fil-kaz ta' nies ta' certu cetu socjali ma jawtorizzawx lill-Qorti taccettahom bhala raguni u motiv ta' firda personali ; imma jekk ikunu tali li jirrivestu azzjoni, u min jaghmilhom jidher li hu kapaci jikkunsahom, allura indubbjament jiffurmaw motiv ta' separazzjoni. »***

---

[1] 30 ta' Gunju, 1961

Dwar l-offiza gravi l-Qorti insenjat illi:

***« Biex is-sevizzi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, hemm bzonn generalment li huma jkunu abitwali, jew almenu ripetuti, b'mod li jirrendu mpossibbli l-konvivenza tal-konjugi. »***[2]

Illi mill-provi kollha prodotti mill-partijiet, il-verzjoni tal-attrici hija konsistenti u ikkorroborata kif gia' spjegat. Ulied il-partijiet xehdu fid-dettall dwar il-varji incidenti u episodji ta' vjolenza illi ghaddew minnha taht idejn il-konvenut. Ma sar ebda kontro ezami tat-tifla R C, u kwantu ghat-tifel L, il-konvenut qal li mhux ser jaghmel kontro ezami tieghu biex jirrispetta x-xewqa tat-tifel stess li xtaq ma jibqax jkun involut fil-kawza. Omm l-attrici ukoll ma gietx kontro ezaminata, u x-xiehda taghha ukoll tikkorrobora dik tal-attrici, kemm ghal dak li jirrelata ma' vjolenza fid-dar, kif ukoll dwar in-nuqqas ta' mezzi finanzjarji. Il-membri l-ohra li gew kontro ezaminati kollha kkonfermaw li qatt ma raw episodji ta' vjolenza b'ghajnejhom, izda jistqarru li ohthom – cioe' l-attrici – kienet inbidlet wara z-zwieg. Fejn qabel kienet ferrihija, saret kwieta u riservata.

Il-konvenut, min-naha tieghu, tella' xhieda li kienu jafuh guvni u ghamlu hbieb ukoll mal-attrici meta bdew jiffrekwentaw lil xulxin u wara li zzewgu. Kollha qalu li kienu koppja normali bhal ohrajn, u kienu sorprizi meta semghu li kienu ser jisseparaw. Dawn ukoll qatt ma raw esempji ta' imgieba vjolenti bejniethom.

---

[2] Maria Micallef vs Giuseppe Micallef deciza fil-25 ta' Mejju, 1942

Kwantu ghall-allegazzjoni ta' adulterju tal-attrici ma' certu FG , dan l-individwu ma giex prodott bhala xhud mill-konvenut. Kien tentattiv pjuttost fqir da parti tieghu li jipprova jallega li l-attrici telqitu minhabba f'dan ir-ragel, meta hemm tant provi cari u univoci ta' vjolenza min-naha tieghu.

Illi, ghalhekk, tenut kont ta' dawn il-provi, il-Qorti m'ghandha ebda dubju li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghat-tifrik taz-zwieg, minhabba f'sevizzi u ingurji gravi.

**<u>Likwidazzjoni Komunjoni</u>**

Essenzjalment, il-partijiet ghandhom zewg proprjetajiet immobbli, id-dar matrimonjali gewwa l-Imtarfa u garaxx fl-istess blokka. It-tnejn gew akkwistati permezz ta' kuntratt data 30 ta' Settembru, 1996. Il-Qorti hi tal-fehma li s-sehem tal-konvenut fuq l-istess dar ghandu jigi assenjat interament lill-attrici, flimkien mal-mobbli illi jinsabu hemm, bhala kumpens ghas-snin illi ghamlet trabbi lit-tfal f'dik l-atmosfera ta' biza' w volenza u akkarija u kontroll mill-istess konvenut, kif ukoll bhala likwidazzjoni ta' manteniment ghal iben il-partijiet oltre dak gia' imhallas mill-konvenut.

Il-garaxx fl-istess blokka bini ghandu jigi assenjat lill-konvenut, ghalkemm l-istess konvenut talab li kemm id-dar kif ukoll il-garaxx jinbieghu fuq is-suq, bil-fakulta' li hu jibqa' jghix id-dar. Madankollu l-Qorti hi tal-fehma li, tenut kont li kien il-konvenut li baqa' jhallas is-self fuq il-proprjeta' u l-ispejjez ta' ilma u dawl, kif jidher mill-kontijiet tal-bank esebiti fl-atti, il-garaxx ghandu jigi assenjat lilu. Ghalhekk il-Qorti ser tahtar nutar pubbliku ghall-eventwali pubblikazzjoni tal-att relattiv. Il-konvenut ghandu jivvaka l-

fond sa mhux aktar minn sitt xhur mid-data ta' din is-sentenza, u ghandu jiehu mieghu biss l-oggetti personali u parafernali tieghu.

Bhala assi ohra, il-partijiet ghadhom kontijiet bankarji. Il-Qorti ser tassenja lil kull parti l-istess kontijiet illi huma intestate f'isimhom. Ma jirrisultax illi hemm vetturi jew investimenti jew assi ohra.

Jekk jirrisulta xi dejn, dan ghandu jkun a kariku ta' dik il-parti li ikkawzat dak l-istess dejn.

**Kura w kustodja, Manteniment u Access**

Illum il-gurnata, it-tifel tal-partijiet, LC, huwa maggorenni, u ghalhekk ma hemm ebda htiega ta' provvediment fuq kura w kustodja u access. L-istess iben ghadu jirresjedi m'ommu u ghadu student, u ghalhekk jixraq li jibqa' jithallas manteniment ghalih, sa ma jaghlaq l-eta' ta' 23 sena, jekk fil-frattemp ma jibdiex jahdem b'impieg full time. Tenut kont li l-manteniment li kien qed jithallas kien biss ta' €200 fix-xahar, il-Qorti qed tipprovdi ghall-manteniment ghal L bl-assenjazzjoni ta' sehem il-konvenut tad-dar matrimonjali.

Il-Qorti, ghalhekk, sejra tippronunzja s-sentenza billi tilqa' t-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**DECIDE:**

GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI:

i. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontedenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-intimat, minhabba f'ingurji gravi, minacci u sevizzi.

ii. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara ghalhekk illi l-fond fl-indirizz, Binja Buqana, Blokk B, Triq it-Torri tal-Arlogg, Mtarfa, ma ghandux jibqa jitqies bhala d-dar matrimonjali tal-kontendenti.

iii. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u tas-sitt talba, stante li t-tifel tal-partijiet illum huwa maggorenni.

iv. Tilqa' r-raba u l-hames talba billi tipprovdi ghall-manteniment ta' bin il-partijiet billi dan qed jigi inkorporat fl-assenjazzjoni tad-dar matrimonjali.

v. Tilqa' s-seba' talba u tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut iddekada minn kull dritt li jitlob manteniemnt minghand martu r-rikorrenti;

vi. Tilqa' t-tminn talba u tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikolu 48 sa 53 et seq tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta sa fejn applikabbli inkluz l-ordni li huwa jitlef kull dritt li jiret lil martu;

vii. Tilqa’ d-disa’ talba u tordna li sehem l-intimat mid-dar matrimonjali bl-indirizz, Binja Buqana, Blokk B, Triq t-torri tal-arlogg, Imtarfa, tigi assenjata lil-attrici bi dritt esklussiv lejha ghall-uzu u abitazzjoni billi tipprovdi u tiddikjara li l-intimat tilef kwalunkwe dritt talvolta spettanti lilu, fuq l-istess fond, u dan principarjment tenut kont tal-fatt li z-zwieg taghhom, tkisser b’ tort esklussivament tieghu.

viii. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ghaxar talba, stante li d-dar matrimonjali giet assenjata lill-attrici.

ix. Tilqa’ l-hdax-il talba u ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f` zewg porzjonijiet mhux ugwali fid-dawl tal-fatt illi l-intimat huwa unikament hati ghas-separazzjoni, hekk kif ipprovdut fis-sentenza

x. Tilqa’ t-tnax-il talba u tordna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u l-krediti parafernali u dotali taghha u dana fi zmien sitt xhur mid-data ta’ din is-sentenza.

xi. Tahtar lin-Nutar Elena Farrugia ghall-pubblikazzjoni tal-att relattiv ta’ trasferiment, kif ukoll tahtar lil kuraturi deputati tat-turn biex jidhru ghall-konvenut, fl-eventwali kontumacja tieghu.

**<u>Kwantu ghall-kontro talba tal-konvenut:</u>**

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontedenti, izda minhabba ragunijiet imputabbli unikament lill-intimat.

2. Tichad it-tieni talba rikonvenzjonali.

3. Tichad it-tielet talba rikonvenzjonali.

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f`zewg porzjonijiet kif stabbilit b'din is-sentenza.

5. Tichad il-hames talba rikonvenzjonali.

6. Tichad is-sitt talba rikonvenzjonali.

7. Tichad is-seba' talba rikonvenzjonali.

8. Tordna li l-garaxx bin -numru 74 Triq it-Torri tal-arlogg Imtarfa, jigi assenjat lill-konvenut.

9. Tichad id-disa' talba rikonvenzjonali.

10. Tappunta Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni hekk kif stabbilita minn din il-Qorti f`data u hin hekk kif stabbilita minn l-istess Qorti.

11. Tappunta kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-konveut fl-eventwali kontumacja tieghu li jidhru fuq l-att ta divizjoni relattiv;

12. Tordna li l-assi parafernali tal-konvenut rikonvenzjant jigu moghtija lilu fi zmien mhux aktar minn sitt xhur mid-data ta’ din is-sentenza.

13. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kumplament tat-talbiet rikonvenzjonali, stante li t-tifel tal-partijiet huwa maggorenni.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Antonio Giovanni Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**